IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 10

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 10.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Vici Sindku u l-kunsillier Anton Gellel talbu biex jigu skuzati qabel mill-laqgha peress li ghandhom impenji ohra.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 05(08) u tal-Laqgha Nru 7(08) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Punti mqajma mill-Minuti

10.2.1 Is-Sur Anton Gellel ghamel referenza ghall-item fejn qal li huwa flimkien mas-Sindku ma attendewx ghall-konferenza fi Spanja minhabba li l-biljetti tal-ajru kienu gholjin u ghalhekk is-Sur Gorg Agius kellu immur wahdu.*(Minuti 5(08) 05.2.14)*

### 10.3 Korrispondenza

10.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar l-14 ta` Novembru 2019 ser ssir laqgha ma` rapprezentant mill-ufficcju tal-President tar-Repubblika fejn ser tigi diskussa zjara li ser issir fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sindku propona sabiex ghal din il-laqgha jigu mistiedna raprezentanti minn zewg kumitati tal-festi esterni biex ikunu prezenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku talab sabiex il-kunsilliera jkunu prezenti wkoll.

10.3.2 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Kunsill Lokali tal-Bormla, fejn dan il-Kunsill talab sabiex kunsillier mill-Kunsill Lokali tal-Birgu ikun rapprezentant fil-bord tal-ghazla ta` dik il-persuna li ser tiehu Gieh Bormla. Il-Kunsill b`mod unanimu qabel li jirraprezenta lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, il-Kunisllier, is-Sur Trevor Mizzi.

10.3.3 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Kumitat Organizattiv tal-Festi Specjali li ser ssiru fis-sena 2020 relatati mall-okazzjoni mill-200 sena Kolleggjata tal-Parocca ta` San Lawrenz dwar pontifical solenni li ser ssir nhar il-5 ta` Jannar u l-istedina tal-Kardinal Prospero Grech. Dwar dan il-Vici Sindku ssugerriexa sabiex din id-darba l-Kunsill jilqa` lill-Kardinal taht il-

Mina l-Antika tal-Birgu, f`Couvre Porte. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku zied jghid li l-kumitat talab ukoll sabiex issir riciviment fl-intrata tal-Berga ta` Franza u sabiex il-Kunsill jiehu hsieb li jaghmel riciviment zghir ghall-persuni mistiedna. Dwar dan il-Kunsill qabel li r-riciviment issir fil-Berga ta` Franza u dwar l-ikel u xorb, il-Kunsill qabel li jsaqsi lill-Kumitat kemm ser johorgu inviti sabiex ikun jista` jiehu decizjoni ahjar jekk jistax jghin f`dan ir-rigward. Is-Sindku talab ukoll sabiex jinxtara rigal sabih ghall-okazzjoni lill-Kardinal.

10.3.4 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet mill-President tal-Eko Skola, fejn ghal sena ohra regghu talbu lill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex ihallas il-mizata tal-Eko Skola li tammonta ghall-hmistax il-ewro. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti li din il-mizata tithallas mill-Kunsill.

10.3.5 Prezentata l-korrispondenza dwar Premju Zghazugh tas-Sena, liema applikazzjoni taghlaq fil-15 ta` Novembru 2019. Is-Sindku talab lis-Sur Trevor Mizzi jiehu hsieb din l-applikazzjoni.

10.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni ghall-fondi ghall-attivitajiet kulturali li kien hareg il-AKL giet sottomessa. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill applika ghall-attivita tal-Birgufest 2020.

10.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie avvicinat mis-Sur Mitja Bukovec sabiex jikteb lill-Kunsill progett tal-Europe for Citizens relatat mall-attivitajiet tal-Birgufest 2020. Is-Sindku zied jghid li ghal dan il-progett hemm is-somma ta` 25,000Euro. Is-Sindku kompla jghid li l-agenzija li ser tikteb il-progett tiehu somma ta` erbgha t`elef ewro, liema flus jithallsu wara li l-Kunsill ikun ha l-fondi mill-Ewropa. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika ghal dan il-progett.

10.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ntbghatu l-istediniet lill-Ministru Evarist Bartolo, lill-Ministru Jose Herrera u lis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis sabiex ikunu prezenti waqt il-prezentazzjoni tar-recycle bins nhar il-Gimgha 22 ta` Novembru fid-disgha ta` filghodu.

10.3.9 Giet prezentata l-applikazzjoni li saret tal-kampanja EWWR 2019, fejn il-Kunsill applika ghall-inizjattiva sabiex jinxtraw boroz maghmulin minn 100% materjal riciklat sabiex jintuzaw ghall-hobz u dan sabiex jibda jitnaqqas l-uzu tal-plastik. Dawn il-boroz ser jitqassmu f`kull residenza. Ghal din l-inizjattiva hemm premju ta` elf ewro. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghamel applikazzjoni ohra relatata mar-recycle bins li ser jitqassmu lill-iskola primarja tal-Birgu.

10.3.10 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-banda Prince of Wales fejn talbu sabiex nhar il-Gimgha tal-Birgufest 2020 jtellu kuncert fil-bitha ta` Couvre Porte. Is-Sindku zied jghid li giet talba l-istess talba wkoll mis-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz, liema talba waslet il-Kunsill wara talba tal-Banda Prince of Wales Own. Wara diskussjoni, il-Kunsill idecieda sabiex jilqa` u japprova talba tal-Banda Prince of Wales Own u li s-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz taghmel il-kuncert l-ghada s-Sibt 10 ta` Ottubru 2020 imma mhux f`Couvre Porte barra imma fiz-zona ta` gewwa ta` Couvre Porte. Il-Kunsill qabel ukoll li jinstab spazju iehor ghas-Suq tal-Arteggjanat.

10.3.11 Giet prezentata kwotazzjoni ta` sistema ta` tracking tal-van, liema kwotazzjoni tammonta ghall-293.82Euro bil-vat inkluz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Fis-6:00pm il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

10.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill nghata elfejn ewro (€2,000) tal-inizjattiva – Rebbiegha fil-Komunita – Xettel b`Ilwien in-Natura. Is-Sindku zied jghid li b`dan il-flus il-Kunsill ser jixtri pjanti u qsari.

10.3.13 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ha somma ta` elf mitjen u sittin ewro (€1,260)relatati mall-skema ta` Ezercizzju Fiziku u Sports.

10.3.14 Giet prezentata l-kwotazzjoni mill-accountants tal-Kunsill sabiex issir il-Business Plan, liema ammont huwa ta` sebgha mija u hamsin ewro (€750) minghajr VAT. Din il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

10.3.15 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mis-Sindku tal-lokalita ta` Parisot fi Franza, fejn talab sabiex jibda l-process ta` gemellagg bejn iz-zewg lokalitajiet. Dwar din it-talba hemm ukoll involut il-Ministeru ta` Turizmu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li f`din il-belt jghixu biss madwar 650 persuna.

10.3.16 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt l-ahhar laqgha generali li saret fi Franza tal-Assoccjazzjoni AVEC, gie deciz li l-laghqa generali li jmiss ser issir fil-Birgu bejn is-26 u 28 ta` Frar 2020. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsil diga` beda jahdem dwar din il-konferenza, fejn diga bghat l-informazzjoni fuq il-hotels lid-delegati, u dan ghal fatt li kull delegazzjoni ser thallas ghall-akkomodazzjoni taghha.

10.3.17 Giet moqrija korrispondenza li ntbaghtet mis-Sur Philip Micallef dwar l-okkazzjoni tal-130 sena mit-twelid ta` Pawlu Boffa, fejn is-Sur Micallef propona sabiex il-Kunsill jorganizza attivita ta` komemorazzjoni. Dwar dan is-Sindku propona biex dan il-jum jigi mfakkar f`Couvre Porte biswiet il-munument ta` Pawlu Boffa u tigi organizzata Lejla Muzika Letterarja. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill irid jitkellem mas-Sur Micallef biex ikun jaf dwar il-finanzjament ta` din l-attivita, peress li l-istess Kunsill mhux f`qaghda finanzjarja tajba biex jorganizza din l-attivita bl-ispiza totali taghha. Is-Sindku talab sabiex il-kunsillier is-Sur Jason Portelli jiehu hsieb din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

10.3.18 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Kapitlu tal-Parocca San Lawrenz sabiex il-Pjazetta ta` bejn l-oratorju tal-Kurcifiss u l-Oratorju ta` San Guzepp tinghata l-isem ta` Pjazza tal-Kolleggjata 1820. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

10.3.19 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet lil-ERA dwar zbir ta` sigar fi Triq San Dwardu, fejn il-Kunsill ilu jibghat diversi ittri dwar din il-materja. Fid-diversi korrispondenzi li l-Kunsill bghat, il-Kunsill dejjem sahaq li huwa mhux ser joqtol jew jaqla` xi sigar imma ser jizbor dawn is-sigar biex jigi evitat xi incident. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill mhux qed isib il-koperazzjoni minn naha tal-ERA u jistaqsi min tah l-awtorizazzjoni sabiex jinqaghlu is-sigar li kien hemm fiz-zona tal-Fortini u biex il-Kunsill jizbor tlett sigriet qed jinghata dawn il-kedded kollha.

10.3.20 Gie prezentat artiklu li nkiteb fuq il-fuljett "Flimkien" dwar l-attivita tal-Birgufest 2019, fejn fost id-diversi punti li gew mnizzla, is-Sindku ghamel rimarka ghas-suggeriment li ntqal dwar l-ideja li jsiru bottegini u stalls tal-ikel u xorb kollha tal-istess daqs u ghamla fil-Pjazza tal-Birgu. Dwar dan is-suggeriment il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.21 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar filming li ser isir fil-Birgu matul ix-xahar ta` Dicembru u Jannar. Is-Sindku zied jghid li zoni li ser juzaw l-aktar huma Couvre Porte u wara l-Palazz tal-Inkwizitur u kif ukoll ser jaghmlu uzu mill-kamra tal-kenniesa. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

10.3.22 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ser jixtri ghaxar kopji tal-ktieb Survivors u dan sabiex il-Kunsill ikollu ftit kopji ghad-dispozizzjoni tieghu sabiex ikun jista` jbiegh lil dawk interessati li jixtru minn dan il-ktieb. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Fis-6:40pm il-Kunsillier, Anton Gellel talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

10.3.23 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kienet ser ssir laqgha ma` rapprezentanti tal-Grand Harbour Marina flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Bormla dwar il-puntuni.

10.3.24 Giet prezentata korrispondenza dwar laqgha li ser ssir nhar it-Tlieta 12 ra` Novembru gewwa l-Kunsill Lokali tal-Kalkara dwar *"Cottonera Expatriates".*

10.3.25 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ser jaghmel laqgha ma` rapprezentanti tal-LESA biex jibda l-process ta` installazzjonijiet ta` CCTV cameras fil-lokalita tal-Birgu.

10.3.26 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie nfurmat mill-Assocjazzjoni ALDA li l-Kunsill tal-Birgu ma giex maghzul biex jippartecipa fil-progett WEMIN.

10.3.27 Prezentat l-overtime tal-haddiema tal-CWES ghax-xahar ta` Ottubru 2019. Dan giet approvat minn dawk prezenti.

10.3.28 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Ottubru 2019, liema overtime gie approvat minn dawk prezenti.

10.3.29 Giet ipprezentata lista ta` pagamenti tal-Petty Cash ghax-xahar ta` Ottubru 2019, liema lista giet approvata minn dawk prezenti.

**10.4 Hatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv , is-Sinjura Beverly Saliba kienet tat ir-rizenja taghha mall-Kunsill Lokali tal-Fgura u ghalhekk ma seghtetx tibqa` sservi ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill tal-Birgu. Is-Sindku talab sabiex jigu propunuti Segretarji ohra biex jimlew dan il-post vakant u tittiehed din id-decizjoni fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**10.5 Attivitajiet relatati mall-Festi tal-Milied**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-festin tal-Milied ghall-anzjani ser ssir nhar it-Tnejn 16 ta` Dicembru 2019 gewwa Forti Sant`Anglu u li l-post kien ser jinghata minghajr ebda hlas minn Heritage Malta.

Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tal-ikel ghal-party tal-Milied ta` tfal, fejn l-irhas offerta kienet ta` Neriku Catering.

Giet prezentata l-kartolina tal-Milied li ser titqassam lir-residenti kollha tal-lokalita, fejn dan id-disinn gie approvat unanimament. Is-Sindku talab sabiex jingabru l-kwotazzjonijiet sabiex dawn jigu pprintjati.

Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tat-tizjin ta` dawl fit-toroq ghal zmien il-Milied. L-irhas offerta kienet ta` 3540Euros bil-vat inkluz.

**10.6 Xogholijiet fil-Berga ta` Franza**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti qed issiru xi xoghlijiet fis-sistema ta` dawl fil-kantina tal-Berga ta` Franza u dan sabiex ikun hemm sistema aktar konvenjenti.

**10.7 Introduzzjoni ta` Transport B`Xejn ghall-Anzjani**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill kien bghat id-dokumenti kollha neccessarji sabiex il-Kunsill ikun jista` johrog direct order biex jixtri dan il-van tal-elettriku. Il-Kunsill qieghed jistenna konferma u approvazzjoni Ministerjali.

**10.8 Il-Progett tal-Bandli**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-perit tal-Kunsill issugerriexa sabiex il-konkos li ser jinghata madwar l-equipment issir imprint concrete paricc il-passagg ta`nofs u ghalhekk din l-ispiza ser ikola ssir mill-ispejjez tal-Kunsill u huwa ghalhekk li hemm differenza ta` 43,000Ewro. Is-Sindku talab lis-Sur Trevor Mizzi sabiex jaghmel appuntament mad-Direttur General tal-Public Works biex jghinna f`din is-sitwazzjoni biex il-Kunsill ma johrogx flus ghal din id-differenza fl-ispiza. Is-Sindku zied jghid li huwa ghalhekk li l-Kunsill ghadu ma ffirmax il-kuntratt mall-Awtorita tal-Ippjanar.

**09.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.5.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kellu laqgha ma` rapprezentanti ta` kumpanija li igieb magni tal-knis. Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jinvesti f`zewg magni ta` tindif u li ser jitlob kull ghajnuna finanzjarja possibli biex jinxtraw dawn il-magni. Is-Sur Boxall zied jghid li dan ix-xoghol jista` jsir bil-lejl u

anke mill-haddiema tal-Kunsill, fejn dan ifissier li l-Kunsill ser jiffranka l-flus mis-servizz ta` knis li qieghed ihallas fil-prezent.

09.5.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li qieghed ihejji il-kuntratti relatati mall-stalls tal-Birgufest 2020. Is-Sindku propna sabiex it-Tnejn 17 ta` Marzu 2020 jigi ppublikat avvizz fuq il-gazetta tal-gvern ghal dawk kollha li jixtiequ juru interess biex jiksbu post minn fejn ibieghu l-ikel u xorb matul il-jumejn tal-attivita tal-Birgufest 2020. L-applikazzjoni tista` tingabar mill-ufficini amministrattivi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sal-Hamis 17 ta` April 2020 f`nofsinhar. Ma` kull applikazzjoni trid tithallas is-somma ta` ghaxar ewro u tinghata ircevuta. Dan gie ssekondat mill-Vici Sindku, s-Sur Christ Cassar u approvata minn dawk prezenti.

Is-Sindku propona sabiex jlaqqa` lill-kumitati tal-festi biex jahdmu stalls tal-injam u jintuzaw waqt l-attivita tal-Birgufest, biex b`hekk il-Pjazza tkun kollha bl-istess stalls. Is-Sindku zied jghid li b`hekk il-qisien ikunu kollha l-istess u ma jkunx hemm problemi. Is-Sur Boxall propona sabix in-naha tal-Youth Centre ma jarma hadd, u dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**09.6 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

09.6.1 Is-Sur Anton Gellel talab sabiex il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment ikkoncernat sabiex titnehha palma mejta mill-Munument tal-Helsien.

09.6.2 Is-Sur Anton Gellel staqsa dwar film kbir li ser jinhadem fil-Birgu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li huwa kellu xi laqghat mall-Malta Film Commission. Is-Sur Boxall ghamielha cara li jista` jkun hemm xi issur politiku u dan ghal fatt li kulhadd kien jaf b`dan il-film u l-Kunsill gie mgieghel biex ma jitkellem xejn dwar dan il-film. Is-Sindku zied jghid li ser jaghmel pressjoni sabiex l-extras ikunu l-maggoranza taghhom mill-Birgu u li permessi kollha jridu jinhargu mill-Kunsill u tinaghata donazzjoni tajba.

**10.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta`pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 5098 sa` BOV 5164 kif ukoll ic-cekkijiet bin-numri HSBC 9802 sa` HSBC 9809. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 16 ta` Ottubru sal-5 ta` Novembru 2019.

**10.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha ta` filghaxija (7.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 26 ta` Novembru 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 2 ta` Dicembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |